MINUTI

Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Santa Venera

**9 LEĠISLATURA**

## Laqgħa Numru 24

**It-Tnejn, 7 t' Ottubru, 2020**

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, fis-7.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Dott. Darren Carabott | Kunsillier |
| Is-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |

**ASSENTI:** Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |
| Dott. Joseph Sammut | Rappreżentant Legali |

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa b'urġenza.

Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kusnill li s-Sa Courtney Farrugia kienet tinsab indisposta minħabba li kienet xogħol.

**24.1** Proġett tal-Palazz l-Aħmar - Żviluppi

Is-Sindku informa lill-membri li hekk kif kien ġie deċiż fit-23 laqgħa tal-Kunsill fuq il-proġett tal-Palazz l-Aħmar fejn preżenti għal din l-istess laqgħa kien hemm il-Perit tal-Kunsill, is-Sindku stieden lill-avukat tal-Kunsill sabiex jgħati lill-Kunsill linja gwida kif għandna nipproċedu.

Wara diskussjoni fejn l-avukat spjega dak kollu li ntqal fil-laqgħa preċendenti li ltqajna mar-rappreżentanti tal-kuntrattur Linda Renda fejn wieħed innota li dawn għandhom problema ta' *cash flow.* Wara diskussjoni l-Avukat informa lill-Kunsill li hemm żewġ binarji

(i) Il-Kunsill jiftaħ kawża kontra l-Kuntrattur
Jew
(ii) Issir laqgħa mal-Kuntrattur fejn issir *deadline* għall-aħħar darba fejn ikunu marbuta bi żmien raġonevoli sabiex jitlest il-progett fejn ukoll ikun iffirmat MOU dan minħabba il-fatt jekk tifetaħ kawża din tista' tieħu s-snin sa meta tiġi deċiża, apparti li l-kuntrattur jista jagħmel ukoll mandat ta' inibinizzjoni kontra l-istess Kunsill Lokali.

Wara diskussjoni bejn il-membri tal-Kunsill ġie deċiż sabiex l-ewwel inġibu kjarifika mingħand il-perit sabiex ikun stabbilit f'kemm żmien huwa possibbli li jitlesta l-proġett u wara l-Avukat jinforma lill-kuntrattur sabiex issir il-laqgħa għal iffirmar tal-ftehim.

Fit-7:55pm, is-Sindku aġġorna l-laqgħa sine die.

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
DeputatSegretarju Eżekuttiv

Konfermati, illum 26 t' Ottubru, 2020